MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru 119/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**

**vs**

**Fayez Daher**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Fayez Daher ta’ 31 sena, iben Mohammed u Flelxa imwieled is-Sirja fil-25 ta’ Novembru 1979 u residenti il-Hamrun u detentur ta’ passaport Sirjan bin-numru 4397885 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-6 ta’ Jannar 2011, bhala persuna barra mid-detentur taghha, ghamel uzu u kellu fil-pussess tieghek karta ta’ identita’ bin-numru 28120A li jappartjeni lil certu Moghrabi

Mahmoud, bi ksur ta’ l-Artikolu 12(1) tal-Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess cirkostanzi, naqas li jikkonsenja jew jibghat lid-detentur taghha, jew lill-ufficjal awtorizzat l-istess karta ta’ l-identita’ meta giet fil-pussess tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 12(2) tal-Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bi hsieb li jqarraq kiser dispozizzjoni ta’ l-Artiklu 12(1) tal-Kapitlu 258 u dan bi ksur ta’ l-artiklu 14(2)(a) tal-Kapitlu 258, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta’ Jannar 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 12(1) u (2) u 14(2)(a) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ erba’(4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------